# It-Tabib Ċensu Tabone u San Ġiljan

Tislima

WINSTON L. ZAMMIT
B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

## INTRODUZZJONI

Ir-rabta ta' Dr Ċensu Tabone ma' San Ġiljan bdiet fl-1941, maż-żwieġ tiegħu mas-Sinjura Maria Wirth, meta huma marru joqogħdu f'dar fi Triq il-Karmnu. Bl-eċċezzjoni ta' sena fi żmien il-Gwerra, meta kienu joqogħdu Għawdex u tal-ħames snin meta kien President ta' Malta (1989-1994), Dr Tabone għex dejjem f'din id-dar ġo San Ġiljan sakemm fiha huwa miet nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012, fl-età ta' 99 sena neqsin sittax-il ġurnata.

Billi fi żmien iż-żwieġ tiegħu ma' Marija Wirth, Dr Tabone, li kien fl-Armata, kien stazzjonat f'St Andrews, huwa fittex dar f'San Ġiljan, u s-Sur Ġużè Pace Bonello krielhom id-dar Nru. 30 fi Triq il-Karmnu San Ġiljan. Aktar'il quddiem kabbru din id-dar billi ħadu f'idejhom it-terran li kien hemm viċin tagħha.[1] F'din id-dar Ċensu u Maria Tabone kabbru tmint itfal tagħhom: Marilise (1942), Colin (1943), Helen (1946), it-tewmin Vincent u Monica (1948), Patricia, Francis u Anna.



## IR-RABTA MAL-PARROĊĊA

Ċensu u Maria Tabone kellhom rabta kbira mal-Parroċċa ta' San Ġiljan. Dr Tabone kien jagħmel mezz biex ma jitlifx it-tqarbina ta' kuljum. Għalhekk meta l-parroċċa kienet għadha fil-Knisja l-Qadima (Ta' Lapsi) kien jisma' l-quddiesa li kienet titqaddes mill-Viċi-Parroku Dun Franġisk Zammit, u fis-sajf minn Fr David Leech, li kien jgħallem fis-Seminarju ta' Għawdex.[2] Il-familja Tabone kellha relazzjoni ta' ħbiberija ma' Dun Guido Calleja li kien Kappillan ta' San Ġiljan bejn l-1956 u l-1965. Wara stedina li saritlu darba, Dun Guido kien ta' kull sena, nhar il-Milied, jagħmel żjara għand il-familja Tabone biex jieħu d-deżerta magħhom.[3]

Għall-festa ta' *Corpus Domini*, Maria Tabone kienet tarma wieħed mit-twapet tagħha f'*Main Street* minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni, u aktar tard il-familja Tabone flimkien mal-ġirien tat il-kontribuzzjoni tagħha biex inxtara tapit apposta għal din l-okkażjoni. Għall-istess għan, Maria Tabone kienet tarma l-qsari tagħha f'*Main Street*, fejn kellu r-residenza tiegħu missierha, il-Maġistrat Dr Francesco Wirth. Għall-istess okkażjoni l-Maġistrat Wirth kien jarma kappella mal-faċċata tad-dar tiegħu minn fejn kienet tingħata l-barka sagramentali.[4]

Fl-1965 Dun Guido Calleja nħatar kappillan ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, fejn ħa l-pussess f'Novembru 1965. Is-suċċessur tiegħu f'San Ġiljan kien is-saċerdot Ġiljaniż Dun Ġwann Galea li ħa l-pussess fil-Knisja l-Qadima minn idejn il-Vigarju Ġenerali Mons. Isqof Emmanuel Galea nhar il-Ħadd 3 t'April 1966. Dr Ċensu Tabone li kien diġà kellu l-okkażjoni jifraħ ma' dan is-saċerdot Ġiljaniż meta huwa għamel il-*prima messa* tiegħu fl-1962, attenda ukoll għal din l-okkażjoni sabiħa tal-pussess ta' kappillan Ġiljaniż f'raħlu stess.[5] Wara din iċ-ċerimonja tal-pussess, il-Banda San Ġiljan akkumpanjat lill-kappillan il-ġdid sal-każin tal-banda fejn Dr Ċensu Tabone għamel diskors tal-okkażjoni.[6]

## DEPUTAT PARLAMENTARI (1966-1989)
## PRESIDENT TAL-KUMITAT ĊIVIKU TAS-SLIEMA U SAN ĠILJAN (1964-1970)

Ir-rabta ta' Dr Ċensu Tabone M.D. ma' San Ġiljan kompliet żdiedet fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, meta daħal fil-politika u kien membru parlamentari bejn l-1966 u l-1989, u aktar u aktar meta serva bħala President tal-Kumitat Ċiviku ta' Tas-Sliema u San Ġiljan bejn l-1964 u l-1970.



Il-Ġiljaniżi jifirħu bl-ewwel żjara f'San Ġiljan ta' Dr Censu Tabone bħala President.

Fl-1961 Dr Tabone daħal fil-qasam politiku fi ħdan il-Partit Nazzjonalista u minn dak iż-żmien ikkontesta sitt elezzjonijiet ġenerali (1962, 1966, 1971, 1976, 1981, 1987) u bl-eċċezzjoni tal-ewwel elezzjoni (1962) kien elett fil-ħames elezzjonijiet ta' wara, mid-distretti li kienu jinkludu fil-limiti tagħhom lil San Ġiljan. Wara l-elezzjoni ġenerali tal-1966 inħatar Ministru tax-Xogħol, Impjieg u Sigurtà, kariga li żamm sa Ġunju 1971. Wara l-elezzjoni tal-1987 inħatar Ministru tal-Affarijiet Barranin, kariga li żamm sa Marzu 1989.[7] Bejn id-9 ta' Lulju 1964 u Marzu 1970 Dr Tabone kien ukoll il-President tal-Kumitat Ċiviku ta' Tas-Sliema u San Ġiljan.[8]

Kemm bħala Ministru, kif ukoll bħala President tal-Kumitat Ċiviku, Dr Tabone ħadem għall-ġid ta' San Ġiljan. Iżda l-akbar kontribut tiegħu f'dan il-qasam kien fil-bini tal-pont fuq Wied Għomor. Fis-snin sittin Dr Tabone kien induna li San Ġiljan kien se jiżviluppa fl-inħawi ta' *The Gardens*. Għalhekk tħabat biex jinbena l-pont fuq Wied Għomor li kellu jgħaqqad in-naħa ta' *The Gardens* mal-parti l-antika ta' San Ġiljan.

Dr Tabone tħabat ħafna biex jinbena dan il-pont. L-ewwel diffikultà kienet li jikkonvinċi l-Kabinett biex japprovaw dan il-proġett. Imbagħad wara li kien approvat il-proġett u ġew biex jibdew ix-xogħol, sabu l-ilma. Dr Tabone baqa' jinsisti biex tinsab soluzzjoni biex sa fl-aħħar jinbeda dan il-proġett. Fil-fatt din instabet u l-pont beda jinbena.[9]

Dr Tabone ta ukoll il-kontribut tiegħu biex issolviet il-kwistjoni li nqalgħet fil-festa ta' San Ġiljan, meta l-pulizija, minħabba ż-żieda fit-traffiku, ma riditx tagħti permess biex il-purċissjoni tgħaddi bħas-soltu minn Triq Grenfell (illum Triq Ġorġ Borg Olivier). Fuq talba tal-Ġiljaniżi, Dr Tabone bħala Deputat tad-



Dr Ċensu Tabone, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan jiltaqa' ma' Mons. Tarcisio Carbone, Isqof ta' Macerata li kien il-mistieden speċjali tal-festi ċentinarji li saru fl-1991 f'għeluq l-ewwel mitt sena tal-Parroċċa. Jidher bejniethom, Rev. Tony Agius, il-kappillan ta' dak iż-żmien.

Distrett intervjena mal-Pulizija u nstabet soluzzjoni billi f'dik is-sena ntużat naħa waħda tat-triq għall-purċissjoni. Imbagħad mis-sena ta' wara reġgħet infetħet it-triq kollha għall-purċissjoni.[10]

## PRESIDENT TA' MALTA (1989-1994)

Wara l-elezzjoni ġenerali li saret f'Mejju 1987 Dr Tabone nħatar Ministru tal-Affarijiet Barranin. Iżda dam inqas minn sentejn, għax b'istruzzjoni tal-Parlament Malti nhar l-4 t'April 1989 huwa nħatar President ta' Malta, u dakinhar stess ħa l-ġurament tal-kariga f'ċerimonja li saret fil-Palazz il-Belt Valletta. Minħabba fil-ħatra tiegħu bħala President ta' Malta, il-koppja Tabone kellha, kontra qalbha, tħalli d-dar tagħha f'Numru 30, Triq il-Karmnu San Ġiljan, fejn kienet ilha toqgħod mill-1941, u tmur fil-Palazz ta' San Anton.[11] Iżda darba fil-ġimgħa baqgħet tinżel fid-dar tagħha f'San Ġiljan.

## FESTA F'SAN ĠILJAN

Il-ħatra ta' Dr Tabone bħala President intlaqgħet b'entużjażmu mill-parti l-kbira tal-Ġiljaniżi u f'din l-okkażjoni l-Banda Spinola ħadet l-inizjattiva biex torganizza festa ad unur tiegħu li saret il-Ħadd 4 ta' Ġunju 1989 waranofsinhar.

Ċensu u Maria ħarġu mid-dar tagħhom fi Triq il-Karmnu u ntlaqgħu mill-grupp tal-Iscouts ta' San Ġwann li ppreżentawlhom il-fjuri. Imbagħad il-President u s-Sinjura Tabone telgħu f'*jeep* miftuħ u akkumpanjati minn uliedhom u ħbieb, għaddew mit-toroq tal-parti l-qadima ta' San Ġiljan, u marru lejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, fejn ħadu sehem f'quddiesa konċelebrata li fiha ħa sehem il-Kor ta' San Ġiljan. Wara l-quddiesa sar diskors tal-okkażjoni mis-sur Joe Abela, President tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. Wara l-quddiesa saret dimostrazzjoni bis-sehem taż-żewġ baned tal-lokal, il-Banda San Ġiljan u



Delegazzjoni minn San Ġiljan immexxija mill-Kappillan Rev. Tony Agius, marret il-Palazz il-Belt biex tippreżenta kopja tal-ktieb dwar l-ewwel ċentinarju tal-parroċċa. Jidhru ukoll Andrew Borg fuq ix-xellug tal-kappillan u l-Kan. Karm Calleja fuq il-lemin tal-President.

s-Soċjetá Mużikali Spinola. Is-sinjuri Tabone reġgħu telgħu fuq il-*jeep* li kienet miġbuda minn diversi persuni, ħbieb tagħhom, u flimkien maż-żewġ baned għaddew minn Triq il-Kbira u Triq Grenfell (illum Triq Ġorġ Borg Olivier) u baqgħu sejrin sa Palazzo Spinola, fejn sar riċeviment. Hemmhekk Dr Ċensu Tabone ngħata *wheelchair* u flus biex jingħataw lill-istituti tal-karità.[12]

**IŻ-ŻJARA TAL-PAPA U Ċ-ĊENTINARJU TAL-PARROĊĊA**

F'Mejju 1990, Dr Ċensu Tabone, bħala President ta' Malta, kien preżenti fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan għal-laqgħa mal-intellettwali li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt l-ewwel żjara pastorali tiegħu f'Malta.[13] Din kienet okkażjoni li żgur li baqa' jgħożż f'qalbu, kemm bħala Nisrani kif ukoll bħala Ġiljaniż b'adozzjoni.

Is-sena ta' wara, fl-1991, il-Parroċċa ta' San Ġiljan fakkret iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha b'diversi attivitajiet, bejn Jannar u Novembru 1991, li fihom ħadu sehem il-President u s-Sinjura Tabone. F'Jannar 1991 il-vara titulari ta' San Ġiljan ittellgħet fil-Knisja l-Qadima, Ta' Lapsi, fl-okkażjoni tal-festa liturġika, bil-ħsieb li titniżżel lura fil-Knisja Parrokkjali akkumpanjata mill-baned tal-lokal, iżda dan ma setax isir billi faqqgħet il-Gwerra tal-Golf.

Fil-fatt il-vara tniżżlet lura bil-parteċipazzjoni taż-żewġ baned lokali, San Ġiljan u Spinola, nhar il-Ħadd 21 t'April 1991. Id-dimostrazzjoni għaddiet minn Triq il-Karmnu, fejn hemm ir-residenza ta' Dr Ċensu Tabone. Il-President kien fil-bieb tad-dar u waħda mill-baned sellmitlu bid-daqq tal-Innu Malti. Il-bandisti mbagħad daħlu jixorbu għandu. Għal Dr Tabone din kienet okkażjoni storika, għax kienet l-ewwel darba kemm kien ilu joqgħod San Ġiljan, li l-vara titulari



Andrew Borg, wieħed mill-edituri ta' din il-pubblikazzjoni, flimkien ma' Vince Vassallo, jidhru qed jintervistaw lill-koppja Tabone fir-residenza tagħhom San Ġiljan

għaddiet minn quddiemu.[14] Xahar wara, fit-30 ta' Mejju 1991, Dr Tabone inawgura l-Wirja Storika li ttellgħet mill-Kumitat Festi Ċentinarji fis-sala taż-żgħażagħ qrib il-Knisja Parrokkjali.[15]

Nhar il-festa (25.VIII.1991) il-President u s-Sinjura Tabone attendew għall-konċelebrazzjoni solenni tal-festa li tmexxiet mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Tarcisio Carbone, Isqof ta' Macerata. Wara l-quddiesa l-President tal-Kumitat Festi Ċentinarji ppreżenta tifkira tal-fidda lill-President Tabone.[16]

Il-festi ċentinarji (1891-1991) ġew fi tmiemhom nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru bl-oratorio dwar San Ġiljan – Mid-Dnub għall-Qdusija – b'mużika ta' Dun Ġwann Galea u versi ta' Anthony P. Scicluna, li kien esegwit mill-Kor ta' San Ġiljan u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġwann Galea. F'din l-okkażjoni Dr Ċensu Tabone kixef lapida kommemorattiva u għamel diskors ta' introduzzjoni qabel beda l-oratorio, u wara segwa l-istess oratorio flimkien mas-sinjura tiegħu u dawk preżenti. Fi tmiem is-serata Dr Tabone kien mistieden iqassam plakki kommemorattivi taċ-ċentinarju lill-membri tal-kleru u anke tal-kumitati organizzattivi ta' dan iċ-ċentinarju.[17]

Is-sena ta' wara kien ippubblikat ktieb storiku li fakkar dan l-avveniment billi ġabar l-istorja tal-ewwel mitt sena tal-Parroċċa ta' San Ġiljan. L-Erbgħa, 8 ta' April 1992 f'nofsinhar eżatt, Dr Ċensu Tabone kien preżentat uffiċċjalment b'kopja tal-ktieb *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*. Il-preżentazzjoni saret mill-Kappillan Rev. Tony Agius li kien akkumpanjat mill-president u s-segretarju tal-Kumitat Festi Ċentinarji, il-Prof. Stanley Fiorini, l-editur tal-ktieb, u xi kittieba li kkontribwew fih fosthom Winston L. Zammit. Il-preżentazzjoni



Dr Tabone, bħala President ta' Malta kien preżenti għal-laqgħa mal-intelletwali li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan waqt l-ewwel żjara li l-Papa Ġwanni Pawlu II, illum beatu, għamel f'Malta f'Mejju 1990.



Mument storiku fil-ħajja ta' pajjiżna u fil-ħajja personali ta' Dr Tabone, hekk kif il-mibki Beatu Papa Ġwanni Pawlu II jeħodlu b'idejh.

saret ġewwa s-sala tal-Ambaxxaturi fil-Palazz tal-President, il-Belt. Dakinhar Dr Tabone kien wera l-apprezzament tiegħu għal dan il-ġest, għax ħa pjaċir li "l-Ġiljaniżi ġew jaqsmu miegħu din it-tifkira taċ-ċentinarju."[18]

## L-AĦĦAR SNIN (1994-2012)

Fl-4 ta' April 1994, Dr Ċensu Tabone temm il-mandat tiegħu bħala President ta' Malta. Dak iż-żmien kellu 81 sena. Hu flimkien mas-sinjura tiegħu setgħu jirritornaw fir-residenza tagħhom fi Triq il-Karmnu San Ġiljan. Hemmhekk reġgħu daħlu fir-rutina tal-ħajja ta' kuljum, bil-quddiesa ta' kuljum u anke sintendi billi jieħdu ħsieb id-dar, imdawwrin bil-familja tagħhom. Il-familja kompliet tikber, tant li sal-1994 insibu li kellhom dsatax-il neputi u neputija. Kull nhar ta' Sibt, il-familja kienet tingabar madwar in-nanniet.[19] L-ikla tal-Milied kienet ukoll issir ta' kull sena għand in-nanniet.[20] Fis-sena 2000, qrib il-festa titulari ta' San Ġiljan, il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan ippreżentalu midalja ta' rikonoxxenza.[21] Tliet snin wara f'Ġunju 2003 kien preżenti mas-Sinjura Maria fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill.[22]

Fis-sena 2006 il-koppja Tabone għalqet 65 sena miżżewġa. F'intervista li taw lil -ġurnal lokali, Maria spjegat kif kienu jqattgħu l-ġurnata. Hija qalet li dejjem jibdew "il-ġurnata bil-quddies ta' filgħodu li kull meta kien possibbli qatt ma

tlifna. Wara nieħdu l-kafè u mbagħad Ċensu għadu jħobb iqatta' ftit tal-ħin fil-kamra li għandu," u li skont Maria hi mimlija bl-imbarazz. "Sa ftit taż-żmien ilu kien għadu jiddeletta bit-tiswija tal-arloġġi, iżda llum xorta waħda għadu jċekċek xi ħaġa. Iqatta' ħin ukoll fuq il-kompjuter filwaqt li l-politika għadha tinteressah." Sadanittant il-familja patrijarkali kompliet tikber, u sa dak iż-żmien tal-intervista minbarra d-datax il-neputi u neputijiet żdiedu ukoll ħdax proneputijiet.[23]

## ŻEWĠ ĠRAJJIET

Fl-4 ta' April 2009, Dr George Abela ħa l-ġurament tal-kariga bħala President ta' Malta. Billi f'din l-okkażjoni Dr Ċensu Tabone, li issa kellu 96 sena, ma setax imur il-Palazz għaċ-ċerimonja kif dejjem għamel, Dr George Abela għamillu żjara fir-residenza tiegħu f'San Ġiljan.[24] Ġrajja oħra interessanti kienet meta t-tliet Presidenti Emeriti, Dr Ugo Mifsud Bonnici (1994-1999), Dr Guido de Marco (1999-2004) u Dr Eddie Fenech Adami (2004-2009) marru fid-dar ta' Dr Ċensu Tabone f'San Ġiljan fejn ħadu t-tè flimkien.[25]

## SEBGĦIN SENA MIŻŻEWĠIN

Fit-23 ta' Novembru 2011 il-koppja Tabone għalqet 70 sena miżżewġa. F'din l-okkażjoni, flimkien mal-familja numeruża tagħhom, attendew għal quddiesa konċelebrata fil-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan, magħrufa popolarment bħala Ta'



Il-koppja Tabone ħierġa mill-Knisja ta' Lapsi wara l-quddiesa li biha fakkru s-70 sena ta' żwieġ tagħhom.

Lapsi. Il-quddiesa tmexxiet mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta. Miegħu kkonċelebraw il-quddiesa Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex, Fr Claude Portelli, Kappillan ta' San Ġiljan, Fr Robert Wirth (ħu Maria Tabone), Dun Norbert Bonavia MSSP (Ċerimonier Djoċesan) u Dun Eddie Żammit (Segretarju tal-Isqof t'Għawdex).[26]

Wara dan l-avveniment, saħħet Dr Tabone kompliet sejra lura u nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012 radd ruħu lil Alla fis-skiet u fil-kwiet, fl-età sabiħa ta' 99 sena neqsin 16-il ġurnata. Dan seħħ fid-dar tiegħu fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan.

Il-Gvern Malti ddeċieda li jagħtih funeral statali fil-Belt Valletta. Għalhekk il-Ħamis 15 ta' Marzu 2012 kmieni waranofsinhar il-katavru tiegħu nħareġ mid-dar tiegħu f'San Ġiljan u ntlaqa' minn numru ta' Ġiljaniżi, fosthom is-Sindku Peter Bonello, li tah l-aħħar tislima billi xeħet fjuri fuq it-tebut. Is-Sibt 17 ta' Marzu waranofsinhar, wara il-funeral statali fil-Belt Valletta, il-katavru ta' Dr Tabone għadda għall-aħħar darba minn San Ġiljan, fi triqtu għad-difna fil-gżira ta' Għawdex. Waqt li l-katavru kien għaddej minn quddiem il-każin tal-Banda San Ġiljan ingħata salut minn xi bandisti, filwaqt li xi Ġiljaniżi xeħtu fjuri fuq il-karozza li kien fiha. Meta mbagħad wasal qrib il-każin tal-Banda Spinola, indaqqet il-*last post* mill-gallarija. Fid-29 ta' Marzu 2012, lejlet il-*birthday* tiegħu, saret quddiesa għal ruħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.[27]


RIFERENZI

1 *Il-Mixja*, Ġunju 1994, p. 4
2 Tagħrif miġbur minn Winston L. Zammit
3 *Il-Mument*, 26.XI.2006, p. 26
4 Tagħrif miġbur minn Winston L. Zammit
5 Tagħrif mogħti lil Andrew Borg minn Mons. Ġwann Galea.
6 *Il-Berqa*, 4.IV.1966, p. 2
7 Tagħrif fil-pussess ta' Winston L. Zammit
8 Ibid.
9 *Il-Hajja*, 10.1.1970, p. 7; *Il-Mixja*, Ġunju 1994, p. 5
10 *Il-Mixja*, Lulju 1994, p. 5
11 *At Home With The President*, Malta 2001, p. 23
12 *The Times*, 5.VI.1989, p. 1; *In-Nazzjon Tagħna*, 6.VI.1989, p. 4
13 *Pietru fil-Gżira ta' Pawlu*, 1991, It-Tielet Volum, p. 47
14 *Tagħrif fil-pussess tal-awtur.*
15 *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, p. 311
16 Ibid., pp. 311, 312
17 *Il-Mixja*, Jannar 1992, p. 8; tagħrif minn Winston L. Zammit
18 *Il-Mixja*, Ġunju 1992, p. 1
19 *Il-Mixja*, Ġunju 1994, p. 5
20 *Il-Mument*, 26.XI.2006, p. 26
21 *San Ġiljan, Leħen il-Kunsill Lokali*, nru. 9, Sett. 2000
22 Ibid., nru. 17,
23 *Il-Mument*, 26.XI.2006, p. 26, 27
24 Tagħrif miġbur minn Winston L. Zammit
25 Ibid.
26 Ibid.
27 Ibid.